MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru. 860/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**Vs**

**Maria Lourdes Sciberras ta' 65 sena bint Joseph u Antonia nee' Ellul, imwielda Siggiewi nhar il-14 ta' Frar 1943, li toqghod 97, Triq San Nikola Siggiewi, detentrici tal-karta ta'l-identita' numru 116743(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Maria Lourdes Sciberras akkuzata talli fil-15 ta' Gunju 2008 ghal habta tal-10:15 a.m. gewwa l-ghassa tal-Pulizija, Haz Zebbug:

1. iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, jew inkella bil-qerq hloqt tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u aktar;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi bil-hsieb li taghmel hsara lil Jimmy Vassallo, akkuzajt din il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kont taf li dik il-persuna hija innocenti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-10 ta’ Settembru 2008 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi mugjuba quddiem il-Qorti irrizulta illi dan il-kaz ghandu fl-isfond tieghu kwistjoni familjari li ilha ghaddejja ‘il fuq minn ghoxrin sena. L-imputata ilha ghal diversi snin f’kawzi quddiem il-Qrati taghna kontra huha certu Ganni Vassallo ghar-rigward ta’ proprjeta appartenenti il-wirt tal-genituri taghhom. F’dawn il-kwistjonijiet sfortunatament gew involuti anke uliedhom b’mod illi illum bejn dawn iz-zewg familji hemm firda, pika u glied kontinwu li jwasslu ghal diversi rapporti lill-pulizija ezekuttiva li jkollha kull darba tindaga ghar-rigward tal-veracita o meno ta’ dawn l-istess rapporti.

Illi dan il-kaz beda meta fil-fatt jidher illi sar rapport iehor mill-familja Vassallo kontra l-imputata illi hija kienet ghamlet xi hsara fl-ucuh tar-raba li dwarhom hemm il-kwistjoni. Meta mitkellma mill-pulizija ghar-rigward ta’ dan ir-rapport, l-imputata stqarret mal pulizija illi hija kienet sfat mhedda minn Jimmy Vassallo it-tifel ta’ huha illi huwa kien

ser itajjarha bil-karozza, izda fl-istess hin qalet lil pulizija illi hija ma xtaqitx tiehu passi kriminali fil-konfront tieghu ghar-rigward ta’ dan it-theddid. Allegat ukoll illi dina ma kenitx l-ewwel darba li kienet giet mhedda minn dana Jimmy Vassallo. Minhabba illi l-imputata dehret li ma kenitx certa mid-data meta sehhet dina l-allegata theddida, l-ispettur Cachia hass il-bzonn li jidnaga iktar u ghalhekk baghat ghal Jimmy Vassallo li infumah li ma setax ikun illi fid-data indikata mill-imputata huwa seta heddidha u dana peress illi dak in-nhar fil-hin indikat minnha fir-rapport, kif ukoll fil-gurnata ta’ qabel huwa kien xoghol gewwa l-HSBC fejn huwa jahdem bix-xift. Ghalhekk il-pulizija akkuzaw lil-imputata bl-akkuzi odjerni.

Ikkunsidrat,

Illi qabel xejn jigi rilevat illi l-imputata allegat mal-puliizja illi Jimmy Vassallo kien heddidha bil-fomm. Dan ir-reat huwa ta’ natura kontravvenzjonali kif previst fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, reat li kif dispost fis-subartikolu 2 ta’l-istess artikolu tal-ligi ma ghandhom jittiehdu l-ebda proceduri kriminali “<u>jekk mhux bil-kwerela tal-parti</u>”. (sottolinjar tal-Qorti). Illi hekk kif l-imputata allegat mal-pulizija u specifikatament mas-surgent 539 Caruana Fabian, illi Vassallo kien heddidha, hija fl-istess nifs infurmatu illi ma reditx tiehu passi kriminali kontra tieghu dwar l-istess. Kwindi x-xoghol tal-Pulizija Ezekuttiva ghar-rigward ta’l-istess denunzja jew rapport kellu jieqaf hawn. Ma kien hemm l-ebda raguni ‘il ghala l-pulizija kellha tkellem lil Vassallo ghar-rigward ta’ tali rapport gialadarba il-pulizija legalment ma setghux imexxu kriminalment fil-konfornt tieghu abbazi tar-rinunzja da parti ta’l-imputata.

Illi l-imputata tinsab akkuzata b’zewg imputazzjonijiet. L-ewwel wahda hija dik prevista fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 u cioe’ tas-simulazzjoni tar-reat, filwaqt illi it-tieni akkuza hija dik prevista fl-artikolu 101 u cioe’ dik tal-kalumnja.

Illi ghar-rigward ta'l-ewwel akkuza, persuna tista' tinstab hatja ta'l-istess jekk jigi ippruvat illi hija tkun iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li tkun taf li ma sarx jew li tohloq tracci ta' reat b'mod li ikunu jistghu jinbdew proceduri kriminali fil-konfront tal-perusna falzament iddenunzjata. Illi ghalhekk l-ghan ahhari tal-persuna li tkun qed taghmel id-denunzja quddiem l-awtorita kompetenti tkun illi jittiehdu passi kriminali. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:

**" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjonui verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."**

Illi kif gie deciz f'sentenza ohra Il-Pulizija vs Nicholas Ellul (21/11/1985 per Imhallef Carmel Agius) fejn anke il-Qorti ghaddiet sabiex iccitat diversi sentenzi moghtija mil Corte di Cassazione fl-Italja fosthom Cass.SEz.II, 4 dic.1972 (numru 1735) Pagnotta ed altro:

**"ai fini del delitto di simulazione di reato non e' rilevante che non sia stato redatto processo verbale della falsa denuncia, giacche vienei in considerazione qualsiasi informattiva del reato simulato (scritto od orale) all'autorita', <u>suscettiva di determinare l'inizio di un procedimento penale.</u>" (sottolinjar tal-Qorti).**

Illi mill-fattispecje tal-kaz odjern certament ma huwiex il-kaz ta' simulazjoni reali jew indiretta peress illi minn imkien ma irrizulta illi l-imputat kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat, izda jista' jigi inkwadrat biss taht 'l hekk imsejha simulazzjoni verbali jew diretta peress illi hija

irrapurtat illi kienet qed tigi mhedda. Illi madananakollu d-denunzja trid tkun tali u hekk irid jigi ippruvat mill-prosekuzjoni, illi din tkun intiza sabiex ikun hemm investigazzjonijiet ulterjuri ghal fini li jigi accertat li kien hemm ir-reat iddenunzjat. Illi f'dan il-kaz ma kien hemm ghalfejn issir l-ebda indagni ulterjuri bl-iskop li jinbeda xi process penali stante illi l-imputata minnufih infurmat lill-pulizija li ma reditx tiehu passi kriminali fil-konfront ta' Jimmy Vassallo. L-intenzjoni trid trid tkun wahda u cioe' illi tinganna il-gustizzja! Din ma tirrizultax mill-provi. X'kienet l-intenzjoni ta'l-imputata meta hija infurmat lil pulizija illi Vassallo kien heddidha, imbaghad hija iddecidiet li ma tipprocediex kontra tieghu ma giex ippruvat. Lanqas ma jirrizulta car mill-provi jekk fil-fatt l-imputat ghamiltx ir-rapport ghad-data tal-14 ta' Gunju jew inkella ghal xi data ohra peress illi hija stess infurmat lill-pulizija illi ma kenitx certa mid-data. Madanakollu l-ebda passi kriminali ma setghu jittiehdu mill-Pulizija Ezekuttiva gialadarba kien hemm ir-rinunjza da parti ta'l-imputata ghal xi azzjoni kirminali fil-konfront ta' Vassallo.

L-istess jista' jinghad ghar-rigward tat-tieni akkuza dwar il-kalumnja. L-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 jiddisponi car u tond illi l-hsieb wara l-akkuza trid tkun wahda u cioe' illi issir hsara lil persuna ingustament akkuzata. Illi kif gie deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Harding) fis-7 ta' Novembru 1949 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard:

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew konravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

Hekk ukoll f'sentenza ohra Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali):

***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment***

***tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.”***

Illi fil-kaz in dizamina, ma jistax jinghad illi giet ippruvata l-mens rea rikjesta ghal kummissjoni ta’ dana ir-reat. Fl-ewwel lok ma gietx ippruvata illi l-imputata ghamlet rapport sabiex tikkaguna xi hsara lil Jimmy Vassallo. Altrocche’! L-imputata minnufih infurmat lill-pulizija li ma reditx tiehu passi kriminali fil-konfront tieghu u ghalhekk certament ma reditx tikkagunalu l-ebda hsara. Inoltre meta irrapurtat dana il-fatt u infurmat lill-pulizija minnufih illi ma reditx il-pulizija tipprocedi kriminalment, hija kienet konsapevoli tal-fatt ukoll illi l-ebda proceduri penali ma kienu ser jinbdew fil-konfront ta’ Vassallo abbazi ta’ dak li kienet qieghda tghid lill-pulizija.

Il-Qorti ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi ma hijeix ser tidhol sabiex tindaga dwar il-veracita o meno ta’ dak li kienet qed tallega l-imputata mal-pulizija u cioe’ ghar-rigward tal-fatt jekk ir-rapport kienx wiehed falz jew meno. Semmai tali denunzja setghet biss twassal ghal ingurja fil-konfront ta’ Vassallo u li jekk tirrizulta tigi punita taht disposizzjonijet diversi min dawk ikkontemplati fir-reati li dwarhom l-imputata tinsab akkuzata.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u peress illi il-fatti tal-kaz ma jinkwadrawx ruhom fl-akkuzi kif dedotti, l-Qorti qieghda tillibera lill-imputata minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghha

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------